MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 160/2007

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Nokia Corporation u tas-socjeta` estera Sony Ericsson Mobile Communications AB**

**vs**

**Dr. Beppe Fenech Adami u PL Luisa Tufigno gew nominati b`digriet tat-2 ta` Marzu, 2007 bhala Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lill-assenti socjeta` esportatrici Xiang An Logistics Co. Limited u lill-Kunsinjatarju Optima P/C M.B.M.T.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Is-socjeta` rikorrenti Nokia Corporation hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati ma` l-Ufficcju tal-Proprjeta`

Industrijali ta` Malta msejjha ‘NOKIA’, liema drittijiet gew registrati f`Malta fit-tmintax (18) ta` Ottubru, elfejn u wiehed (2001) u moghtija n-numru ta` registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok NC1 u NC2);

Is-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks u Community Designs,* ma` l-*Office for Harmonization in the Internal Market* ta` l-Unjoni Ewropea: (a) s-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’, liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-27 ta` Marzu, 2002 u moghti n-numru ta` registrazzjoni E2634632 (Dok. SEMC1); (b) il-*Community design* li gie registrat l-ewwel darba fl-10 ta` April, 2003 u moghti n-numru ta` registrazzjoni 12349-0001 (Dok SEMC2); (c) il-*Community design* li gie registrat l-ewwel darba fl-10 ta` April, 2003 u moghti n-numru ta` registrazzjoni 12349-0002 (Dok SEMC3); u fl-ahhar nett (d) l-kelma ERICSSON liema dritt gie registrat l-ewwel darba fil-13 ta` Jannar, 2000 u moghti n-numru ta` registrazzjoni 001459130 (Dok. SEMC4) mis-socjeta` estera Telefonaktiebolaget L M Ericsson u li awtorizzat lis-socjeta` attrici Sony Ericsson Mobile Communications AB sabiex tipprocedi kontra kull vjolazzjoni tad-dritt ta` proprjeta` intelletwali skond l-affidavit datat 14 ta` Novembru, 2006 (Dok SEMC5);

Fis-sbatax (17) ta` Jannar, tas-sena elfejn u sebgha (2007) r-rikorrenti nomine gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-container bin-numru ECMU 9826222 li dahal gewwa l-Port Hieles fl-erbatax (14) ta` Jannar, 2007 fuq il-vapur MV Northern Vitality liema container kien fih total ta` sitta u ghoxrin elf, tmien mija u ghoxrin (26,820) accessorju tal-mobiles li kienu jinkludu *chargers, covers, headsets u car cigarette lighter chargers* (Dok. NC3) kollha bil-marka ‘NOKIA’ anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-mobiles, u total ta` hmistax il-elf, erba` mija u tmenin (15,480) accessorju tal-mobiles li kienu jinkludu *chargers, covers u headsets* (Dok. SEMC6) kollha bis-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’ u bil-kelma ERICSSON u

anke bl-istess disinn tal-mudell Z200 tal-*community designs* numri 12349-0001 u 12349-0002 anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-mobiles, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta` proprjeta` intelletwali;

Mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti nomine jirrizulta li l-accessorji tal-mobile inkluz l-ippakkeggjar ta` l-istess accessorji hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li: fir-rigward ta` l-accessorji Nokia, fihom il-marka 'NOKIA' u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta` Nokia Corporation, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta` proprjeta` intellettwali ta` Nokia Corporation (Dok. NC4); u fir-rigward ta` l-accessorji Sony Ericsson, fihom is-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY', il-kelma ERICSSON u l-istess disinn tal-mudell Z200 li jikkontravjenu l-*community designs* numri 12349-0001 u 12349-002 u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta` Sony Ericsson Mobile Communications AB, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta` proprjeta` intellettwali ta` Sony Ericsson Mobile Communications AB (Dok SEMC7);

Ir-rikorrenti nomine talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta (Dok. NC5 u Dok SEMC8) sabiex a tenur ta` l-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta` Malta huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

Din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta` Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa OPTIMA P/C M.B.M.T. minn Tunis, Tunisia, dan skond dak citat fil-polza ta` taghbija numru SZ1307529 (Dok. PF1);

L-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet ta` l-artiklu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll ta` l-artiklu 10(2)(b) ta` l-Att Dwar it-Trademarks (Kap. 416) u huma azzjonabbli b`applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti ta` l-artikli 14 sa 19 tal-istess Kap. 416 u l-artikli 7 u 8 ta` l-istess Kap. 414;

Is-socjetajiet rikorrenti ghandhom kull interess li jippromwovu din l-azzjoni gudizzjarja sabiex jikkawtelaw u jenforzaw l-jeddijiet taghhom;

Talbu lill-intimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f`accessorji tal-mobile li fuqhom u fuq l-ippakkeggjar hemm l-marka ‘NOKIA’ u accessorji tal-mobile li fuqhom hemm s-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’, il-kelma ‘ERICSSON’ u l-istess disinn tal-mudel Z200 u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container bin-numru ECMU 9826222 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-mobile, jikkontravjenu d-drittijiet ta` proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti Nokia Corporation, fir-rigward tat-trademarks taghha ‘NOKIA’ moghtija n-numru ta` registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok NC1 u NC2), u tas-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB, fir-rigward tat-trademarks taghha; s-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’ moghti n-numru ta` registrazzjoni E2634632 (Dok SEMC1) u il-Community design ghall-accessorju Z200 Covers liema dritt gie registrat l-ewwel darba fl-10 ta` April, 2003 u moghti n-numru ta` registrazzjoni 12349-0001 (Dok. SEMC2) u l-Community design ghall-accessorju tal-mudel Z200 liema dritt gie registrat l-ewwel darba fl-10 ta` April, 2003 u moghti n-numru ta` registrazzjoni 12349-0002 (Dok. SEMC3) u l-kelma ERICSSON liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-13 ta` Jannar, 2000 u moghti n-numru ta` registrazzjoni 001459130 (Dok. SEMC4), u dan okkorrendo bin-nomina ta` esperti nominati ghal dan il-fini;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali accessorji tal-mobile ‘l hinn mill-kanali tal-kummerc b`dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjetajiet rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-accessorji tal-mobile, f`kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta` l-intimati;

3. Tiehu u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-accessorji tal-mobile kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-intimat mill-beneficcji ekonomici ta` transazzjoni;

4. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta` l-imsemmija accessorji tal-mobile ghall-hazna f`Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u ta` l-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu ta` l-proceduri, kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-hazna ghall-lok eventwali ta` distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali ta` l-istess accessorji tal-mobile.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet li bih gew nominati Dr. Beppe Fenech Adami u l-PL Luisa Tufigno biex jirraprezentaw lis-socjeta` assenti XIANG AN LOGISTICS COMPANY LTD u lill-kunsinnatarju OPTIMA P/C M.B.M.T.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati fejn eccepew illi:

Huma ma humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors u jirrizervaw illi jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkunu edotti mill-fatti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavits prodotti.

Jirrizulta li l-fatti kif elenkati fir-rikors promotur gew pruvati u dan kif jirrizulta mill-affidavit ta` George Agius, Fizzjal tad-Dwana ta` Malta, kif ukoll mill-affidavit tal-esperti Kari Ronkko u Josephine Liebert. Dawn il-provi ma gew bl-ebda mod kontradetti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati, taqta` u tiddeciedi billi tilqa` l-ewwel talba kif dedotta fir-rikors promotur, tilqa` t-tieni talba u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddistruggi l-merkanzija fuq imsemmija u dan sa mhux aktar tard minn xahar minn dakinhar li jigi notifikat, a karigu tar-rikorrenti, b`kopja awtentikata ta` din is-sentenza;

Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex mhux aktar tard minn hmistax il-gurnata mid-distruzzjoni, hu ghandu jdahhal nota fl-atti ta` din il-kawza li biha jgharraf lill-Qorti bl-esekuzzjoni tal-ordni moghtija b`din is-sentenza.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba.

Tilqa` r-raba` talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti b`dana li d-drittijiet tal-kuraturi deputati jithallsu provisorjament mir-rikorrent nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------